

Brussell, 25 ta' Awwissu 2026
(OR. en)

12510/26
ADD 1

DELECT 133
PECHE 318

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 5667 annex
Suġġett:	ANNESS tar- REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri tekniċi speċifiċi għall-paġella ħamra (Pagellus bogaraveo) fis-subżoni minn 6 sa 8 tal-ICES

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 5667 annex.

Mehmuż: C(2026) 5667 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.8.2026
C(2026) 5667 final

ANNEX

ANNESS

tar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward ta' miżuri tekniċi speċifiċi għall-paġella ħamra (Pagellus bogaraveo) fis-subżoni
minn 6 sa 8 tal-ICES**

ANNESS

L-Annessi VI u VII huma emendati kif ġej:

(1) l-Anness VI huwa emendat kif ġej:

(a) il-Parti A hija emendata kif ġej:

(i) id-19-il entrata tat-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

“Paġella ħamra (<i>Pagellus bogaraveo</i>)	36 cm (*) (**)
--	----------------

(*) Dan id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għandu japplika għas-subżoni 6 u 7 tal-ICES sal-31 ta' Diċembru 2027. Id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 33 cm għandu japplika għas-subżona 5 tal-ICES.

(**) Jekk ma jiġux adottati regoli ġodda qabel il-31 ta' Diċembru 2027, mill-1 ta' Jannar 2028 id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni applikabbli għandu jkun 33 cm.”;

(ii) il-punt 1 taħt it-tabella huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni speċifikati f'din il-Parti għall-bakkaljaw (*Gadus morhua*), għall-merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), għall-pollakkju iswed (*Pollachius virens*), għall-pollakkju (*Pollachius pollachius*), għall-merluzz (*Merluccius merluccius*), għall-megrim (*Lepidorhombus* spp.), għal-lingwata (*Solea* spp.), għall-barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*), għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), għal-lipp (*Molva molva*), għal-linarda (*Molva dipterygia*), għall-kavall (*Scomber* spp.), għall-aringa (*Clupea harengus*), għas-sawrell (*Trachurus* spp.), għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*), għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), u għas-sardina (*Sardina pilchardus*) għandhom japplikaw għas-sajd rikreattiv fl-Ilmijiet tal-Majjistral. Madankollu, għas-sajd rikreattiv tal-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) għandu japplika id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 40 cm fis-subżoni 6 u 7 tal-ICES sal-31 ta' Diċembru 2027 (*).

(*) Jekk ma jiġux adottati regoli ġodda qabel il-31 ta' Diċembru 2027, mill-1 ta' Jannar 2028 id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni applikabbli għall-paġella ħamra għandu jkun 33 cm.”;

(b) fil-Parti C, il-punt 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“12. Żoni magħluqin għall-konservazzjoni tal-paġella ħamra fis-subżoni 6 u 7 tal-ICES

12.1. Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2027, is-sajd kollu għall-paġella ħamra fis-subżoni 6 u 7 tal-ICES għandu jkun ipprojbit għall-bastimenti li jtajru l-bandiera Françiza.”;

(2) l-Anness VII huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti A, l-20 entrata tat-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

“Paġella ħamra (<i>Pagellus bogaraveo</i>)	36 cm (*) (**)
(*) Dan id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għandu japplika għas-subżona 8 tal-ICES sal-31 ta' Diċembru 2027. Id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 33 cm għandu japplika għas-subżoni 9 u 10 tal-ICES u għaż-żoni 34.1.1, 34.1.2, u 34.2.0 tas-CECAF. (**) Jekk ma jiġux adottati regoli ġodda qabel il-31 ta' Diċembru 2027, mill-1 ta' Jannar 2028 id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni applikabbli għandu jkun 33 cm.”;	

(b) fil-parti C, il-punt 5.4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5.4. Il-miżuri elenkati fil-punti minn 5.1 sa 5.3 għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2027.”